



Brussell, 25 ta' Frar 2022
(OR. fr)

6414/22

Fajl Interistituzzjonali:
2021/0413(NLE)

PECHE 52

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill
Suġġett:	Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fil-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana

- Adozzjoni

1. Fl-10 ta' Diċembru 2021, il-Kummissjoni ppreżentat il-proposta (id-dokument 14940/21 + ADD 1), li għandha l-għan li tistabbilixxi l-pożizzjoni li għandha tittieħed, f'isem l-Unjoni, fil-laqgħat tal-Kummissjoni tas-Sajd tal-Paċifiku tat-Tramuntana, issa li l-UE aderixxiet ma' din il-Kummissjoni.
2. Il-Grupp ta' Ħidma dwar il-Politika tas-Sajd eżamina l-proposta fit-13 ta' Jannar 2022, u d-delegazzjonijiet intalbu jressqu kummenti bil-miktub. DK ippreżentat riżerva ta' skrutinju parlamentari, li minn dak iż-żmien 'l hawn tneħħiet. Fis-26 ta' Jannar, il-Presidenza ċċirkolat abbozz ta' Deċiżjoni (id-dokument 5521/22) li jinkludi emendi ssuġġeriti mis-Servizz Legali, inkluż bidla tal-bażi ġuridika, mill-Artikolu 43(2) TFUE għall-Artikolu 43 TFUE fl-intier tiegħu. Il-Grupp laħaq qbil dwar dan it-test fis-27 ta' Jannar, peress li ma ntalbox aktar emendi. Sadanittant, il-ġuristi lingwisti ffinalizzaw it-test fil-lingwi kollha.

3. Konsegwentement, il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa mistieden jikkonferma l-qbil li ntlaħaq mill-Grupp ta' Ħidma, u jipproponi lill-Kunsill, f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss biex:
- jadotta d-Deċiżjoni, kif tinsab fid-dokument 5663/22;
 - jieħu nota tad-dikjarazzjoni li tinsab fl-Addendum għal din in-nota.
4. Il-Parlament Ewropew ser jiġi informat f'konformità mal-Artikolu 218(10) TFUE. Kopja tad-Deċiżjoni tal-Kunsill ser tintbagħat lill-Parlament Ewropew.
-